MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1051/2005

Bryan Theuma
vs
Adrian Spiteri, u Anthony u Maria Concetta konjugi Spiteri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Illi fit-dsatax (19) ta’ Settembru, elfejn u tlieta (2003) l-attur kien jinsab fl-akkwati tal-Bajja ta’ San Tumas, Marsaskala, meta ntlaqat minn tir ta’ arma tan-nar sparat fid-direzzjoni tieghu mill-konvenut Adrian Spiteri.

Illi dakinhar il-konvenut Adrian Spiteri kien ghadu minuri.

Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Illi l-attur sofra danni ingenti konsistenti f’***damnum emergens*** u ***lucrum cessans***.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident tad-dsatax (19) ta’ Settembru, elfejn u tlieta (2003) fuq premess, fejn korra l-attur, sehh unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti, jew min minnhom.

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-attur kawza ta’ l-imsemmi incident.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minn minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-konvenut kontumaci, izda naturalment tqis il-kontumacja bhala oppozizzjoni.

Rat li fil-5 ta’ Mejju 2006 saret talba ghall-awtorizzazzjoni li tigi prezentata nota ta’ eccezzjonijiet minhabba gustifikazzjoni tal-kontumacja, u r-risposta ta’ l-attur tal-15 ta’ Mejju 2006 u d-digriet tal-Qorti fejn cahdet it-talba.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Bryan Theuma u qal illi fid-19 ta' Settembru 2003 hu nizel l-ghalqa ghall-kacca hdejn il-bajja ta' San Tumas u kienu ghall-habta tat-3.30 a.m. u hu kien wahdu. Qal li hin minnhom sema' tir u hass ugih f'ghajnu. Ikkalkula li min spara t-tir ma kienx iktar boghod minnu minn 25 metru. Qal li hu ma rax niex ohra qabel ma sema' l-isparatura. Spjega li mbaghad fegg certu Mario Mifsud li joqghod hemmhekk villeggjatura. Dan qallu li ghajnu kienet mimlija bid-demm u li kien ser jiehdu l-poliklinika. Dak il-hin tfacca z-ziju tieghu u l-konvenut, Adrian Spiteri. Adrian Spiteri kien ammetta li spara hu. Qal li mill-poliklinika haduh malajr l-isptar fejn qalulu li kienet saritlu hafna hsara f'ghajnu. Minn dak iz-zmien 'l hawn gja ghamel tliet operazzjonijiet u fadallu aktar. Qal li qabel l-incident kellu vista tajba u anqas nuccali ma kellu bzonn. Issa ghadu jara mzelleg u l-vista ghadha mhux kif suppost. Jara wkoll sinjal iswed li ma jistax jigi alterat. Qal li hu kien jahdem ma' Gasan fuq kuntratt bhala ***plumbing***. Minn dak innhar 'l hawn hadd ma rega' impjegah.

Xehed Adrian Spiteri u qal li fl-2006 kellu 21 sena. Qal li dak innhar kien fid-dar li tinsab vicin San Tumas, kien fil-kamra tieghu u ra gamiema niezla u ramma s-senter ta' missieru u spara fuqha. Il-gammiema ma laqathiex u minflok laqat lill-attur. Hu ma kellux licenzja tas-senter ghax is-senter kien ta' missieru. Qal li s-senter kien ikun zarmat u hu dam biex ramah xi minuta u nofs, zewg minuti. Qal li missieru ma kienx dilettant tal-kacca imma hu kien dilettant tal-kacca. Hu ikkonferma li wara kien mar fejn l-art, kien mahsud u meta mar id-dar qal kollox lill-missieru li kien irrabja hafna. Qal li missieru ma kienx jaf li hu kien imur ghall-kacca ma shabu u z-zewg skratacc li kellu kien iddubbahhom minghand shabu. Hu qal li ma sparax minn gewwa d-dar u ma setax jispjega kif intlaqat l-attur ghax hu spara 'l fuq.

Xehed Mario Mifsud u qal li fid-19 ta' Settembru 2003 hu kien fil-kamra tieghu r-ramla jaghmel kafe`. Hu ra lil Brian Theuma mwegga', jghajjat li kienu laqtuh f'ghajnu. Hu qal li wara ftit ra lit-tifel u lil missieru li jafhom minn wicchom imma ma jafx x'jismhom. Qal li t-tifel qal li hu spara u hu kien offra li jiehu lil Brian Theuma l-isptar imma lahaq mar zijuh u hadu hu. Qal li hu ma rax armi f'idejn it-tifel imma jaf li hu kien jispara ghax gieli rah mill-kamra tieghu.

Xehed Angelo Spagnol u qal li fid-19 ta' Settembru 2003 hu kien fil-kamra jaghmel kafe` ghall-habta tas-6.30 a.m. Qal li sema' sparatura u mar jara x'kien gara u sab lin-neputi tieghu, Brian Theuma, u lil Mario Mifsud hdejh u kien hemm tifel li kien ammetta fil-prezenza tieghu li kien spara u li kien laqtu hu. Qal li hu kien jaf lill-genituri tat-tifel u li gieli ra lit-tifel bis-senter f'idejh fil-vicinanzi. Qal li dakinhar ma kienx ra armi f'idejh u li Brian Theuma kellu ghajnu mimlija demm, u haduh l-isptar bl-ambulanza.

Xehed Dr. Albert Bezzina u qal li David Theuma kien iddahhal b'***injury*** f'ghajnu l-leminija, dak li jghidulha ***pellet injury*** jew ***gunshot injury*** li hija, ***pellet*** wahda sparata mhux minn ***close range***. Sfortunatament il-pellett agixxiet b'mod pjuttost (***chance in a*** thousand) kif ghaddiet ghax dahlet ***gradiantly*** mit-tarf tal-***cornea*** u harbtet l-aktar parti importanti tal-vista. Hu qal li Brian Theuma diga kellu difett mit-twelid fl-ghajn li ma gietx injured u ghalhekk ix-xoghol li jista' jaghmel huwa limitat. Spicca bl-ghajn it-tajba 6/18 u l-ghajn li kienet tajba qabel l-injury ma jistax juzaha b'mod effettiv b'konsegwenza tad-disability daqsxejn gholi. Fl-ghajn li ma ntlaqatx fiha kellu nuqqas ta' vista mit-twelid, anqas il-livell permess biex issuq karozza u b'mod li ghal xi forma ta' xoghol fil-futur ***choice riservata*** minhabba li 6/18 fuq ghajn wahda ma tippermettilux jaghmel certu tip ta' xoghol fejn jiddependi s-***safety*** ta' haddiehor. Il-motivazzjoni ovvjament hija kollox. Qal li Theuma ma jistax ikejjel sew id-distanzi. Theuma ghandu 35% ta' dizabilita` ta' ghajn biss minhabba l-problema li kellu mit-twelid, izda l-***injury*** effettiva haditlu 20%. Dizabilita` fisika, Theuma ma ghandux. Theuma seta' jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni u

jerfa’ affarijiet. Gie mitlub jaghti ***overall disability*** u qal li din ma kenitx fil-kompetenza tieghu.

Xehed l-Ispettur Anthony Cassar u qal illi fid-19 ta’ Settembru 2003 il-pulizija ta’ Haz-Zabbar gew infurmati minn Dr. Karl Mercieca li hin qabel kien dahal l-Emeregenza ta’ l-Isptar Brian David Theuma li kien qed isofri minn perforazzjoni f’ghajnu l-leminija. Huma marru l-isptar biex jitkellmu mal-vittma u mill-investigazzjonijiet irrizulta li Adrian Spiteri kien spara. Il-vittima spjega li kien qieghed ghall-kacca u f’daqqa wahda sema’ tir u hass ugiegh f’ghajnu. Mario Mifsud, miz-Zejtun li huwa habib ta’ Theuma gera biex jassistih u f’dak il-hin waslu wkoll fuq il-post certu Angelo Spagnol u Adrian Spiteri. Hu qal li Spiteri kien maghruf li jmur ghal-kacca hemmhekk u l-vittma kien staqsieh jekk hux hu kien spara u Spiteri irrispondih fl-affermattiv. Il-vittma qal li kien ilu jwissi lil Spiteri biex ma jisparax fil-baxx ghas-seta’ jwegga’ lil xi hadd. Angelo Spagnol ha lil vittima l-poliklinika minn fejn baghtuh l-isptar. Hemmhekk il-professur kien infurmah li kellha ssir operazzjoni dakinhar stess. Spiteri kien mehud l-ghassa fejn ghamel stqarrija wara t-twissija tas-soltu fil-prezenza ta’ P.C. 1580 Jonathan Paris. Fl-istqarrija kien qal li kien ha s-senter ta’ missieru minghajr il-kunsens ta’ missieru, mill-gwardarobba fejn kien fil-***cover*** biex imur ghall-kacca. Qal li kien ra gamiema fuq sigra tat-tin u din kienet taret, hu sparalha u minflok laqat lil Theuma li kien qieghed fl-ghalqa adjacenti. Spiteri spjega li hu kien immira dan it-tir madwar 9 piedi boghod ’l fuq mill-livell ta’ l-art. Spiteri gie mressaq il-Qorti u kien akkuzat b’diversi akkuzi in konnesjsoni ma’ dan il-kaz. Gie mistoqsi fuq min hi registrata u licenzjata l-arma u qal li fuq Anthony Spiteri, missier il-konvenut. Meta saret l-isparatura u l-incident Adrian Spiteri kellu 18-il sena maghluqa. Esebixxa l-i***statement*** ta’ Adrian Spiteri. Qal li jirrizulta li Adrian Spiteri dak inhar ma kellux licenzja biex igorr arma. Qal li pero` jirrizulta li Adrian Spiteri kien imur spiss ghall-kacca hemmhekk.

Rat id-digriet tas-26 ta’ April 2006 fejn gie nominat Dr. Dennis Mallia bhala espert oftalmologu.

Rat ir-rapport ta' Dr. Denis Mallia fejn issemma li:
"Meta ezaminajt lis-Sur Theuma jiena sibt illi mill-ghajn il-leminija, huwa kapaci jara l-movimenti ta' l-idejn mill-gemb izda mhux min-nofs. Il-vista ta' l-ghajn ix-xellugija hija ta' 6/12. Ta min wiehed jinnota li qabel l-incident, l-ghajn il-leminija kienet l-ahjar ghajn.
Fil-prezent l-ghajn il-leminija hija mimlija biz-zejt tas-silicone (silicone oil) u ma ghandhiex lenti (aphakic) peress illi din tnehhiet ghax kienet iffurmat katarretta. Is-Sur Theuma jqattar it-Timolol darbtejn kuljum sabiex jikkontrolla l-pressjoni ta' dik l-ghajn. Minn gewwa, l-ghajn turi ferita (scar) fir-retina li tinvolvi c-centru tal-vista (macula).
Ghal fini tal-ligi jrid jitqies illi s-Sur Theuma tilef ghal kollox l-uzu ta' ghajnu l-leminija u li mhuwiex mistenni li l-kundizzjoni tieghu tista' tigi l-quddiem.
Ghaldaqstant, id-dizabilita` tieghu hija ikkalkulata li tlahhaq il-25% tas-sistema visiva u ta' 24% tal-persuna kollha".

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***C1. Responsabilta` ghall-incident***

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fid-19 ta' Settembru 2003, kmieni fil-ghodu fl-akkwati tal-Bajja ta' San Tumas M'Scala, meta waqt li l-attur kien jinsab f'dawk l-inhawi, ntlaqat minn tir ta' arma tan-nar sparat fid-direzzjoni tieghu mill-konvenut li huwa kontumaci.

***C2. Fatti tal-kaz***

Illi irrizulta li l-attur kien fl-inhawi tal-Bajja ta' San Tumas, Marsascala, kmieni fil-ghodu ghall-kacca meta ntlaqat b'arma ta' senter f'ghajnejh tal-lemin li ikkawzatlu perforazzjoni fl-ghajn, liema ferita giet ikklassifikata bhala ta' natura gravi. Jirrizulta li dakinhar, fuq il-post ta' l-incident, kienu marru Angelo Spagnol, li jigi z-ziju ta' l-attur, Mario Mifsud, li kien joqghod f'dawk l-inhawi, kif ukoll il-konvenut. Dawn ix-xhieda ikkonfermaw li kien Adrian Spiteri li laqat lill-attur bl-arma tan-nar. Fil-fatt, Spagnol ikkonferma li Adrian Spiteri ammetta fil-prezenza tieghu li kien hu li laqat lil Theuma (a fol 37), filwaqt li Mario Mifsud sostna li Adrian Spiteri kien ilu jispara s-senter peress li kien jarah. Ta' min isemmi wkoll, li Adrian

Spiteri stess ammetta fix-xhieda tieghu li kien ha s-senter ta’ missieru, li kien zarmat, minn fuq il-gwardarobba. Huwa ma kellux licenzja ghas-senter u rama s-senter b’zewg skratac li kienu ghandu u gera wara gamiema u sparalha, izda fil-fatt, kien laqat lill-attur. (fol 33 u 34).

Adrian Spiteri, li kien ghadu kif ghalaq it-tmintax-il sena dakinhar ta’ l-incident, fl-istqarrija li ta lill-pulizija, ikkonferma l-fatti kif graw, fis-sens li spara ghal gamiema, izda minflok laqat lill-attur li kien wara sigra fl-ghalqa, u fil-fatt, kien mar hdejh, ghax semghu jghajjat bl-ugigh, u l-kliem li qallu kien “ara x’ghamiltli”. (fol 76 sa 78). Dan kollu gie konfermat ukoll mill-Ispettur Anthony Cassar.

***<u>C3. Negligenza</u>***

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li,
“min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti.” Koll. XXX p.iii.p.142 (Ara **Gerald Bugeja vs David Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell deciza fl-20 ta’ Ottubru 2003).

Huwa ghalhekk, li jrid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni tal-konvenut, u l-incident in kwistjoni. Fil-fatt, fil-kaz odjern, din il-Qorti ser tanalizza dan in vista tal-fatti u provi prodotti. Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li;
“Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta’ awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f’kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f’kawza civili fis-sens illi filwaqt li f’kawza kriminali, l-htija tal-akkuzat trid tigi ppruvata ***“beyond reasonable doubt,”*** f’kawza civili bizzejjed li jkun hemm ***“moral certainty***”, certezza morali f’mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm ***“a mere possibility”.***

“Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili, hija l-effett tal-***“balance of probabilities.”*** (Ara **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,**

Appell Civili deciza fil-5 ta’ Marzu 1986, u **Zammit vs Petrococchino noe.** Deciza fil- 25 ta’ Frar 1952).

F’dan il-kuntest, ta min isemmi wkoll li l-artikolu 1033 jiddisponi hekk:
“Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid, jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”

Fil-kaz in ezami, m’hemm l-ebda dubju li jezisti ness guridiku bejn l-att tal-konvenut u l-incident in kwistjoni. Di Piu`, huwa evidenti li l-konvneut Adrian Spiteri ma ha l-ebda passi prudenti meta qabad is-senter ta’ missieru, u uzah biex jispara, aktar u aktar meta ma kellux licenzja biex juza dan ic-center. Hawnhekk ta min isemmi dak li inghad fis-sentenza **Guzeppi Agius et vs Tarcisio Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta’ Ottubru 2003,
“Arma tan-nar hija intrinsikament oggett perikoluz u ghalkem hija intiza…..ghall-ezercizzju ta’ sport ossia passatemp, din ic-cirkostanza ma tnaqqas xejn mill-obbligi imposti fuq il-konvneut fl-uzu ta’ tali arma specjalment meta dik l-arma tkun qed tintuza fil-vicinanzi ta’ persuni ohra. Issa huwa generalment rikonoxxut li fl-istagun tal-kacca l-eghlieqi fl-inhawi minn fejn hu mistenni li jghaddi t-tajr ikun umizghuda bil-kaccaturi. Huwa ghalhekk principju baziku biex jigu evitati incidenti simili ghal dak sotto ezami, li l-arma tan-nar qatt ma tigi ppuntata u sahansitra sparata f’direzzjoni fil-baxx u cjoe` fejn individwi jew kaccaturi ohra jistghu ikunu prezenti bil-konsegwenza li jintlaqtu. Sewwa osservaw il-periti perizjuri “Li tiggennen wara tajra u tinsa konsiderazzjonijiet ohra ma hux accettat.”

Kif gie osservat ukoll fid-decizjoni **Publiu Azzopardi vs Antonio Arcivovich et,** deciza fl-14 ta’ Novembru 1919, Vol. XXIV p.172;
“Quando si ha la violazzjone di un dovere , ed una volontarja omissione di diligenza percui non si prevedono la consequenza della propria azione ad omissione e si

viola il diritto altrui, senza volerlo ad anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quai delitto."

Ghalhekk, din tammonta ghal nuqqas ta' diligenza u prudenza mhux biss da parti ta' Adrian Spiteri, izda da parti ta' missieru wkoll li halla l-arma tan-nar f'post li tista' tintlahaq facilment.

***C4. Damnum emergens***

Kawza ta' dan l-incident Bryan Theuma kellu jiddahhal l-isptar fejn ghamel tliet interventi kirurgici. Izda ricevuti ta' spejjez ma gewx esebiti.

***C5. Lucrum cessans***

F'dan il-kuntest, hija relevanti x-xhieda ta' Dr. Albert Bezzina li spjega li konsegwenza ta' l-incident l-attur tharbtitlu l-parti l-iktar importanti tal-vista li hija l-macula. Din affettwat il-vista ta' l-attur b'mod gravi anke minhabba kundizzjoni viziva li l-attur twieled biha, u li ghalhekk, minhabba l-incident li sofra, tilef l-impieg tieghu peress li lahaq skadielu l-kuntratt, u min dakinhar 'l hawn ma impjegah hadd iktar.

Jirrizulta li l-attur kellu 29 (ghal gurnata 30 sena) sena fid-data tal-incident u qabel l-incident kien jahdem mal-kumpanija Gasan bhala ***plumber***. Kellu salarju gross ta' LM4,199.01 fis-sena, oltre` ***bonuses*** skond il-ligi, u minn dakinhar ta' l-incident, minn Settembru 2003, ma setax jahdem.

***C5a. Multiplier***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-

"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` ta' l-attur meta sar l-incident – 30 tqis li ghandha tadopera ***multiplier*** ta' 25 ghall-kaz in ezami (ara wkoll Caruana vs Camilleri 27/2/04, Dalmas vs Ghigo 5/2/80, Camilleri vs Polidano 1/10/82, Bugeja vs Agius 12/1/87)

***C5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attur li kien qieghed jaqla' salarju gross ta' Lm4199 [€9781] fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 [€242.25] ghal 25-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (Lm4199) u dak ta' l-ahhar salarju fil-futur (Lm2600 + Lm4199 = Lm6799) ossia Lm4199 + Lm6799 /2 = Lm10998/2 = Lm5499] u jwassal ghal LM5499 [€12809]. Dan oltre l-awment ta' l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***C5c. Disabilita`***

L-espert mediku Dr. Denis Mallia wkoll ikkonferma fir-rapport tieghu li l-attur tilef l-uzu ta' ghajnu l-leminija u li mhuwiex mistenni li l-kundizzjoni tieghu tista' tigi 'l quddiem. Skond Dr Mallia "id-dizabilita` tieghu hija kalkulata li tlahhaq il-25% tas-sistema visiva u ta' 24% tal-persuna kollha"

***C5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-19 ta' Settembru 2003 u s-sentenza qedgha tinghata erba' snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta' 15%.</u>

***C5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***C5f. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-<u>qliegh medju annwali</u> ta' l-attur inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €12809;

II. jrid jitqies <u>***multiplier***</u> ta' 25. Dan igib l-ammont ta' €320225;

III. il-Qorti trid tqis il-<u>grad ta' disabilita`</u> li f'dan il-kaz hu ta' 24% u ghalhekk jammonta ghal ossia €76854;

IV. wara jrid jitnaqqas 15% tal-<u>lump sum payment</u> u dan iwassal ghal €65325.59;

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ma hemmx eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-attur wara li talab id-dikjarazzjoni tal-konvenut bhala responsabbli ghall-incident li sehh fit-19 ta' Settembru 2003 li fih l-attur safa ferut gravament, liema talba giet milqugha, talab il-likwidazzjoni ta' l-istess danni subiti. Dawn gew hawn fuq likwidati fl-ammont ta'€65325.59

[hamsa w sittin elf tlitt mija w hamsa w ghoxrin euro disgha w hamsin centezmu].

Ukoll il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma kif likwidata ta’ €65325.59.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------